**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 296/16 AL

AB
VS
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sittax (16) ta' Marzu 2002 (ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma ma kellhom tlett itfal u cioe' Ruth ta' 13, Joseph ta' 12 u Nicole ta'11 –il sena;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin tant li ilhom ma jghixu fl-istess dar matrimonjali ghal zmien twil u legalment separati b'kuntratt redatt min-nutar Dottor Sandra Valentino ta' l-ghaxra (10) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015) (ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni

bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra iffurmaw relazzjoni ma' nies ohra;

Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsehekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Lulju, 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-19 ta' Dicembru 2015 u ilhom ma jghixu flimkien de facto ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.